# IL-KWADRU TA' SAN BARTOLOMEW

Il-kwadru ta' San Bert fil-Knisja parrokkjali tal-Għargħur tpitter minn Ġużeppi Calì (1846-1930). Jingħad li sar fil-kamra tal-ġenb ta' l-iskola primarja tal-gvern li kienet tinsab f'dar privata f'Nru 11 Triq Mons L. Catania li għalih ippużaw nies mir-raħal stess. Dan il-kwadru tħallas minn ċertu Federiku Attard li l-arma ta' kunjomu tidher fil-ġenb tan-naħa t'isfel tal-kwadru waqt li fuq in-naħa l-oħra hemm il-firma ta' l-artist u d-data 1902.

Il-kwadru juri l-martirju ta' San Bert. Il-qaddis jidher marbut ma' pilastru nofsu mneżża', b'karnaġjon ta' xwejjaħ, b'xagħar u leħja bajdanija, għajnejh iħarsu 'l fuq lejn is-sema u b'espressjoni ta' tbatija f'wiċċu minħabba l-martirju li għaddej minnu. Dirgħajh marbutin u mġebbdin b'ħabel li jidher għaddej minn ġo ħolqa tal-ħadid. Il-ħabel jidher qed jiġi miġbud minn manigold filwaqt li ħdejh personaġġ ieħor iħares mistagħġeb lejn San Bert.

Fuq ix-xellug manigold ieħor jidher wieqaf, nofsu mneżża', armat b'sikkina jiġbed u jċarrat il-ġilda tal-qaddis. Hawn ta' min wieħed jinnota l-kuntrast bejn figura ta' San Bert u dik tal-manigold żagħżugħ muskolat u mibrum.

Il-kompożizzjoni tal-kwadru hija stupenda u drammatika u tassew tagħti dehra tal-movimenti u espressjoni tal-figuri.

Bla dubju ta' xejn l-isbaħ xena hija l-parti ta' fuq tal-kwadru li turi s-sema



miftuħ u anġli neżlin jittajru bil-palm f'idejhom, simbolu tal-glorja tal-martirju. L-anġli tassew juru l-kapaċità ta' Calì fir-rappreżentazzjoni tagħhom u tant jarmonizzaw mal-kumplament tal-kwadru li jgħaqqdu l-kumpless kollu f'xena perfetta.

Dan il-kwadru huwa mżejjen bi gwarniċ indurat u jinsab fil-prospettiva ċentrali tal-Knisja mdawwar bi kwantità ta' skultura Barokka u sitt kolonni, tlieta fuq kull naħa, indurati li jagħtu dehra mill-isbaħ fil-kumpless tagħhom.

Dan il-kwadru huwa wieħed mill-isbaħ xogħlijiet fil-Knisja tagħna u rċieva t-tifħir ta' nies li tassew iħobbu l-arti. Għaldaqstant il-poplu Għargħuri għandu verament biex jiftaħar b'dan il-kwadru ta' San Bert li tant huwa l-għożża tal-Knisja tagħna.

Lino Wettinger